MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Numru 593/2011

Il-Pulizija
(Spettur Spridione Zammit)

vs

Ciaxan Sultana
Lucas Azzopardi
Keith Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 119991M , 524194M u 33294M rispettivament akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn is-16 ta’ Dicembru 2010 u s-17 ta’ Dicembru 2010 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel,f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. iffalsifikaw biljetti tal-flus, u kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus ewro meta kienu jafu li huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtraw jew ircivew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom biljetti tal-flus ewro falsifikati meta kienu jafu li l-istess flus huma falsifikati u dan bi ksur tal-Artikoli 46 tal-Kapitolu 204, u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggiehel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh ta' anqas minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centenzmu ghad-dannu ta' Joseph Conti minn Rahal Gdid u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 553 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anke wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati isibhom hatja.

Hadet lill-imputati in-natura serja tal-imputazzjoni.

Rat l-Artikolu 45 u 46 tal-Kap 204, l-Artikolu 18, 308, 310 (c) tiddecidi ghal din id-darba li tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Tordna l-konfiska u tordna ai termini tal-Kap 204 li l-flus foloz jigu rimessi lill-Bank Centrali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------